

32006R1807R(01)

8.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-UNJONI EWROPEA

L 343/71

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1807/2006 tas-7 ta' Diċembru 2006 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1614/2000 li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li jorġinaw użat għall-iskopijiet tal-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-qagħda speċjali tal-Kambodja fir-rigward ta' xi prodotti magħmula mit-tessuti esportati lill-Komunità**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 338 M, tal-17 ta' Diċembru 2008)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1807/2006 għandu jaqra:

### **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1807/2006**

**tas-7 ta' Diċembru 2006**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1614/2000 li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li jorġinaw użat għall-iskopijiet tal-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-qagħda speċjali tal-Kambodja fir-rigward ta' xi prodotti magħmula mit-tessuti esportati lill-Komunità**

#### **IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ**

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 247 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jiffissa d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju<sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 980/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati<sup>(3)</sup>, il-Komunità tat preferenzi tariffarji ġeneralizzati lill-Kambodja.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistabbilixxi d-definizzjoni tal-kunċett tal-oriġini tal-prodotti biex jin-tuża għall-għanijiet tal-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati. Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 jistipula wkoll derogi għal dik id-definizzjoni li jiffavorixxu lill-pajjiżi beneficiarji l-anqas żviluppati li jibbenefikaw mis-sistema ġeneralizzata ta' preferenzi (GSP) jekk dawn ikunu ressqa quddiem il-Kummissjoni talba apposta għal dak il-għan.
- (3) Il-Kambodja bbenifikat minn deroga ta' dan it-tip għal ċerti tessuti mill-1997 'l-hawn, bl-aħħar każ ta' dan iseħħ bis-saħħa tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE)

<sup>(1)</sup> ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 648/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

<sup>(2)</sup> ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 402/2006 (ĠU L 70, 9.3.2006, p. 35).

<sup>(3)</sup> ĠU L 169, 30.6.2005, p. 1.

Nru 1614/2000<sup>(4)</sup>. Il-validità tar-Regolament (KE) Nru 1614/2000 ġiet estiża sal-31 ta' Diċembru 2006.

- (4) Il-Kambodja, permezz ta' ittra bid-data tad-29 ta' Ġunju 2006, ressqt talba ħalli tittawwal id-deroga skont l-Artikolu 76 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.
- (5) Meta l-validità tar-Regolament (KE) Nru 1614/2000 ittawlet sal-31 ta' Diċembru 2006, kien mistenni li regoli tal-oriġini GSP ġoddha, aktar sempliċi u aktar kompatibbli mal-iżvilupp ikunu fis-seħħ qabel ma tiskadi d-deroga. Madankollu r-regoli tal-oriġini GSP il-ġoddha mhumiex mistennija li jiġu adottati qabel il-31 ta' Diċembru 2006.
- (6) L-applikazzjoni tar-regoli tal-oriġini GSP li jinsabu fis-seħħ bħalissa jkollhom effett negattiv fuq il-investiment, u l-impieg fil-Kambodja, kif ukoll fuq il-ħila tal-industria eżistenti fil-Kambodja li tibqa' tesporta lejn il-Komunità.
- (7) Il-perjodu mtawwal għandu jis jidher jis iż-żmien meħtieġ sabiex jiġu adottati u implementati r-regoli tal-oriġini GSP il-ġoddha. Barra minn hekk, l-interessi tal-kummerċjanti li jikkonkludu kuntratti kemm fil-Kambodja u fil-Komunità, kif ukoll l-istabbiltà tal-industria Kambodjana, jeħtieġ li d-deroga tittawwal għal perjodu li jkun bieżżejjed sabiex jip-permetti l-kontinwazzjoni jew il-konklużjoni ta' kuntratti magħmula fuq medda itwal ta' żmien.
- (8) Id-deroga, għalda qstant, għandha tittawwal sal-31 ta' Diċembru 2008. Madankollu, sabiex jiġi żgurat trattament ġust għall-Kambodja u għal pajjiżi oħra fost l-anqas żviluppati, il-ħtieġa li titkompla d-deroga għandha tiġi analizzata mill-ġdid hekk kif ir-regoli tal-oriġini GSP il-ġoddha jiġi adottati.
- (9) Ir-Regolament (KE) Nru 1614/2000, għalhekk, għandu jiġi emendat skont dan.

<sup>(10)</sup> Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

<sup>(4)</sup> ĠU L 185, 25.7.2000, p. 46. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2187/2004 (ĠU L 373, 21.12.2004, p. 16).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1614/2000 jiġi emendat kif  
ġej:

- (1) Fl-ewwel paragrafu, id-data l-“31 ta’ Diċembru 2006”  
għandha tinbidel bil-“31 ta’ Diċembru 2008”;
- (2) It-tieni paragrafu għandu jinbidel b'dan li ġej:

“Il-ħtieġa li titkompla d-deroga għandha madankollu tiġi analizzata mill-ġdid hekk kif ir-regoli tal-oriġini l-għodda tas-sistema ġeneralizzata tal-preferenzi jiġu adottati.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba’ jum mill-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta’ Diċembru 2006.

*Għall-Kummissjoni  
László KOVÁCS  
Membru tal-Kummissjoni*